MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Numru. 48/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMEL ABDILLA**

**VS**

**CLAUDIA PORTELLI**
**CLAIRE VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Claudia Portelli, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 523891 (M) u l-imsemmija Claire Vella, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 492689 (M).

**Akkuzati talli:**

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta` Novembru, 2006, f'xi hin filghaxija ikkommettew serq ta` vettura DBH 626 ta` ghamla Toyota Starlet, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-dannu ta` Theresa Grech minn San Gwann, u dan bi ksur ta` Artikoli 261 u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi postijiet, dati u hinijiet saqu vettura DBH 626 ta` ghamla Toyota Starlet minghajr ma kienu koperti b'polza ta` l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta;
3. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, postijiet, dati u hinijiet saqu vettura DBH 626 ta` ghamla Toyota Starlet minghajr ma kienu koperti b'licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku ta` Malta u dan bi ksur ta` Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65, taht dik il-kategorija ta` l-imsemmija vettura.

U lil Claudia Portelli wahedha akkuzata ukoll talli volontarjament hassret jew gharrqet hwejjeg haddiehor u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBH 626 Toyota Starlet ghad-dannu ta` Theresa Grech minn San Gwann u vettura bir-registrazzjoni CBO 765 ta` ghamla Vauxhall Astra ghad-dannu ta` Steven Michael Monger minn Naxxar, liema hsara teccedi aktar minn hames mitt Lira Maltin (LM500) u dan ai terminu ta` Artikolu 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba mill-Prosekuzzjoni li jigu skwalifikati milli jiehdu jew ikollhom ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` mhux inqas minn tnax (12) il xahar.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 261, 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigwardanti l-piena dina l-Qorti, wara li rat l-atti u semghet ix-xhieda, innotat li l-ewwel akkuza fil-konfront taz-zewg imputati Claudia Portelli u Claire Vella kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk tilliberhom minn din l-akkuza.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuza, dina l-Qorti fil-konfront ta` l-imputata Claudia Portelli hadet in konsiderazzjoni li din kienet minorenni, fil-konfront tal-imputata Claire Vella wara li semghet il-provi kien jirrizulta li din l-akkuza ma kinitx giet sufficjentement ipprovata u ghaldaqstant minnha tilliberaha.

Rigwardanti r-raba` akkuza mahruga fil-konfront ta` Claudia Portelli, il-Qorti innotat li l-imputata kienet minorenni u li l-ispejjez kienu gew imhallsa.

Dina l-Qorti wara li kkunsidrat l-eta` tenera tal-imputati tikkundannhom ghal multa ta` mitejn ewro (€200) kull wahda u wkoll dak previst taht l-Artikolu 37 tal-Ligijiet ta` Malta u dak previst that Artikolu 22 tal-Ligijiet ta` Malta li l-imputati jitqiedu taht Probation Order.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------